SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 37/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/11/'10 266**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/11/'10 321**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsilliera Irene Borg
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Skuzati: Il-Kunsillier Norman Vella.

1.05 Assenti Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Raymond Cachia.

1.06 Kienu preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani, il-Perit is-Sur Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg.

1.07 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.08 Preżenza tal-Media:- (2).

1.09 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 ta' Novembru 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Rapporti Finanzjarji sat-30 ta' Gunju 2010
3. Introduzzjoni Reġjun Ċentrali
4. Korrispondenza
5. Tenders - Tizjin ta' dawl dekorattiv tal-Milied
   - Tindif u Manutenzjoni tal-Gonna Pubbliċi
6. Aġġornament - Tender - Ġbir ta' Skart Domestiku
   - A Period Contract of Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only and Pedestrian Streets
   - Resurfacing of Roads by Public Private Partnership
7. Attivita' tal-Milied
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 36a/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 36a/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 36b/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 36b/K6/10.

1.3.07 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Rapporti Finanzjarji sat-30 ta' Settembru 2010

2.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2010 (Ara Appendiċi `A`).

2.02 L-accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

2.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Gunju 2010.

2.04 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.06 Inġibdet l-attenzjoni ta' l-accountant li l-Kunsill marbut bid-dead lines u għalhekk għandhom jiġu ppreżentati r-rapporti fil-ħin. Fin-nuqqas ta' dan, min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, qed jittieħdu l-miżuri u qed jitnaqqsu l-fondi mill-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali

2.07 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fl-3.40p.m.

## 3 Introduzzjoni Reġjun Centrali

3.01 Iċ-Chairman għarraf lill-Kunsill illi mis-sena d-dieħla ser jibdew jiffunzjonaw ir-reġjuni u li l-Kunsill ser jagħmel parti mir-Reġjun Ċentrali. Għalhekk ħass il-ħtiega li l-President tar-reġjun Dr. Malcolm Mifsud u s-Segretarju Eżekuttiv Samuel Herd jiġu mistiedna sabiex jagħmlu l-

introduzzjoni izda minħabba ċirkostanzi li m'għandhomx kontroll fuqhom ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Għalhekk 'l quddiem ser issir laqgħa nformali sabiex jagħmlu l-introduzzjoni tagħhom.

3.02 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 5 sa 9, qabel item 4.

3.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 5 Tenders

### Tizjin ta' dawl dekorattiv tal-Milied

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona li t-tender jingħata lill-Mica Med Ltd.

5.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

### Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi

5.05 Il-Kunsill gie ppreżentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'C').

5.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li t-tender jingħata lill-Environmental Landscape Consortium Ltd. peress li l-offerta tagħhom hija l-aktar vantaġġjuża.

5.07 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

5.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6 Aġġornament – Tenders

### Ġbir ta' Skart Domestiku

6.01 Il-Kunsill ġie nnotifikat bid-deċiżjoni li ħa l-Kunsill Lokali Tas-Sliema, li jwaqqaf il-proċess tat-tender għall-Ġbir ta' Skart Domestiku, li nhareġ flimkien (Ara Inc. 5805/10 – Appendiċi 'D').

6.02 Wara diskusjoni ġie deċiż unanimament illi:-

- Il-Kunsill joħroġ sejħa ġdida għall-offerti għall-Ġbir ta' Skart Domestiku.

- Jintbagħat kont lill-Kunsill Lokali Tas-Sliema tal-ispejjez kollha li saru, anke tal-parti tal-Kunsill, rigward it-tender li kien jinħareġ mill-Kunsill Lokali San Ġiljan flimkien mal-Kunsill Lokali Tas-Sliema.

**A Period Contract of Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only and Pedestrian Streets**

6.03 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tar-rakkomandazzjoni tal-MP&DC (Ara Appendiċi 'E').

6.04 Il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg waslu fl-4.00p.m.

6.05 Il-Perit Stephen Farrugia ta spjegazzjoni dettaljata ta' kif saret l-evalwazzjoni tat-tenders.

6.06 Wara diskussjoni ċ-Chairman ippropona li:-

- l-Kunsilliera kollha jingħataw żmien sa nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru 2010 fit-3.00 p.m. sabiex min għandu xi mistoqsijiet jew oġġezzjonijiet jagħaddihom lill-amministrazzjoni. Jekk sa dakinhar ma titressaq l-ebda oġġezzjoni, it-tender jingħata lill-LK Ltd. hekk kif inhu rrakkomandat mill-Perit Stephen Farrugia, MP & DC.

- tintbagħat kopja tar-rakkomandazzjoni tal-Perit Stephen Farrugia lill-Kunsilliera li ma kienux preżenti fejn jiġu nfurmati bil-proposta tal-Kunsill.

6.07 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

6.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Resurfacing of Roads by Public Private Partnership**

6.09 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-rakkomandazzjoni tal-MP&DC (Ara Appendiċi 'F').

6.10 Il-Perit Stephen Farrugia ta spjegazzjoni dettaljata ta' kif saret l-evalwazzjoni tat-tenders.

6.11 Wara diskussjoni ċ-Chairman ippropona li:-

- l-Kunsilliera kollha jingħataw żmien sa nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru 2010 fit-3.00 p.m. sabiex min għandu xi mistoqsijiet jew oġġezzjonijiet jagħaddihom lill-amministrazzjoni. Jekk sa dakinhar ma titressaq l-ebda oġġezzjoni, it-tender jingħata lill-Polidano Bros. Ltd. hekk kif inhu rrakkomandat mill-Perit Stephen Farrugia, MP & DC.

- tintbagħat kopja tar-rakkomandazzjoni tal-Perit Stephen Farrugia lill-Kunsilliera li ma kienux preżenti fejn jiġu nfurmati bil-proposta tal-Kunsill.

6.12 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

6.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.14 Il-Media telqu fl-4.15 p.m.

**7 Attivita' tal-Milied**

7.01 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-ħarġa għall-anzjani li l-Kunsill jorganizza ta' kull sena. (Ara K1530/157/10 - Appendiċi 'G') Għalhekk ippropona li:-

- l-ħarġa għall-anzjani issir xorta nhar il-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010 u jekk d-Dipartiment joġġezzjoni l-Kunsill jirrifondi l-ispiża.
- Din l-attivita' issir lr-Riviera Resort & Spa. (Ara Appendiċi 'H').
- Tingħażel l-offerta tal-Koptaco Coaches Cooperative (Ara Appendiċi 'I').

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.04 Ġie deċiż unanimament illi bhala parti mill-attivitajiet tal-Milied jittella' kunċert fil-Knisja ta' Lapsi b'kollaborazzjoni mal-Każin tal-Banda San Ġiljan, nhar is-6 ta' Jannar 2011 u li l-Kunsill ihallas l-ammont ta' €233 bħala parti mill-ispejjeż.

**8 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

8.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2933 sa 2948 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'K').

9.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2933 sa 2948.

| | |
|---|---|
| 9.03 | Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah. |
| 9.04 | Il-Kunsill qabel unanimament. |

| | |
|---|---|
| **4** | **Korrispondenza** |
| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
| 5767 | Email mingħand Econing Engineering Cons. Ltd. rigward il-kwotazzjoni tas-Sustainable Energy Action Plan (SEAP). |
| 5769 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward WIFI fil-Millennium Chapel. |
| 5792 | Email mingħand Colin Gambin rigward Taxi Stands faċċata ta' Pender Place. |
| 5815,5940 &K1484 | Korrispondenza rigward il-korsijiet tal-Lifelong Learning. |
| 6022 | Ittra mingħand Il-Kappillan tal-Parroċċa San Giljan rigward studenta tal-Lifelong Learning. |
| 5841 | Email mill-uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-ħlasijiet ta' permessi maħruġa f'Paceville. |
| 5922 | Email mingħand Wilfred Naudi rigward is-Substation tal-Enemalta fi Trejqet il-Bajja. |
| 5923 | Ittra mingħand il-MEPA rigward PA/02141/09 - Balluta Bay Triq il-Kbira San Ġiljan. |
| 5954 | Email mingħand Adrian Pleven rigward xogħolijiet fil-bankina fi Triq Furtu Selvatico. |
| 6009 & 6197 | Email mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta dwar Christmas Village fil-Pjazza tal-Balluta. |
| 6060 | Email mingħand David Soler rigward ir-rapport tad-Datatrak. |

6170 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-progress dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskema tal-*Public Private Partnership*.

6179 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-allowance lis-Sindki.

6187 Email mingħand Alan Cini rigward id-diżlivel fi Triq Qalb Imqaddsa.

6199 Ittra mingħand ir-Residenti tal-Balluta rigward l-istatut tal-għaqda.

6219 Rapport tal-Pulizija rigward ħsara fir-railings fi Triq il-Kbira quddiem is-Saddles.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 5767

4.01 Saret riferenza għall-email mingħand Econing Engineering Cons. Ltd. Rigward il-kwotazzjoni tas-Sustainable Energy Action Plan (SEAP) u għall-Minuti 36b/K6/10 taqsima 5 para 5.02. F'dan ir-rigward il-Kunsill ġie nfurmat illi l-kuntrattur Econing Engineering Cons. Ltd. ikkonferma l-punti ndikati mill-Perit Stephen Farrugia fir-rakkomandazjoni tiegħu. Għalhekk ser jiġi ffirmat il-kuntratt.

Rif. Nru. 5769

4.02 Saret riferenza ghall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward servizz ta' WIFI fil-Millennium Chapel. Il-Kunsill ġie nfurmat illi id-Dipartiment ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-WIFI fil-Millennium Chapel għas-spejjeż tal-Kunsill u dan bil-kundizzjoni li dan is-servizz jiġi provdut b'xejn (free) u mingħajr password għall-pubbliku li jiffrekwenta l-Millennium Chapel.

Rif. 5815,5940,&K1484

4.03 Saret riferenza għall-korrispondenza li tittratta dwar il-Lifelong Learning u nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-ispiża nvoluta Ara Appendiċi 'L').

Rif. Nru. 5923

4.04 B'riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward PA/02141/09 – *Alterations to make Balluta Bay accessible to all types of users*, qed tinġibed l-attenzjoni illi f'taqsima 5 para. 2 hemm impost garanzija bankarja ta' €5,000. Il-Kunsill ġie mfakkar li għal dan il-proġett il-Kunsill ser jingħata €10,000. Minn dawn l-€10,000 il-Kunsill diġa ngħata €5,000 u l-€5,000 l-oħra jingħataw meta jitlesta l-proġett. Ġie deċiz unanimament illi l-garanzija titħallas jekk ikun hemm il-bżonn.

Rif. Nru. 5954

4.05 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Adrian Pleven rigward xogħolijiet fuq il-bankina fi Triq Furtu Selvatico. Ġie deċiz unanimament illi l-Perit Stephen Farrugia u s-Sindku jiltaqgħu 'on site' sabiex tiġi ċċekjata l-ħsara li qed issir.

Rif. Nru. 6009 & 6197

4.06 Saret riferenza għall-email mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta rigward attivita' Christmas Village fil-Pjazza tal-Balluta. Ġie deċiz unanimament illi l-Kunsill ittella' din l-attivita' ta' Christmas Village fil-Pjazza tal-Balluta b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta, nhar is-Sibt 18 u nhar il-Ħadd 19 ta' Diċembru 2010 bejn is-7.00 p.m. u l-11.30 p.m.

Rif. Nru. 6187

4.07 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Alan Cini rigward id-diżlivel fi Triq il-Qalb Imqaddsa. Ġie deċiż

unanimament illi tintbagħat talba lill-Perit Stephen Farrugia għall-gwida u stima, rigward din il-materja.

4.08 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji oħra.

4.09 Ma kienx hemm oggezzjoni.

**10 Materji Oħra**

10.01 B'riferenza għall-PA2142/09 rigward l-aċċessibilita' aħjar għal kulħadd in-naħa tal-Cavallieri Hotel f'Xatt is-Sajjieda, saret laqgħa 'on site' nhar il-Ħamis 11 ta' Novembru 2010 fil-preżenza tal-Perit Stephen Farrugia, il-Kunsilliera Norman Vella, Ronald Agius u Raymond Cachia. F' din laqgħa ġie spjegat l-ewwel fażi ta' dan il-proġett.

10.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona illi ssir applikazzjoni lill-MEPA għat-tieni fażi ta' dan il-proġett u wara li jinħareġ il-permess issir applikazzjoni għall-fondi tal-Urban Improvement Fund.

10.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

10.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05 Saret riferenza għall-Minuti 36b/K6/10 taqsima 8 para. 8.01 dwar l-attivita' 'Jum Lapsi'. Fid-9 ta' Novembru 2010 saret laqgħa mas-Sur Noel Castillo, Managing Director tal-Leon Promotions fil-preżenza tas-Sindku Peter Bonello, il-Viċi Sindku Richard Scicluna, il-Kunsilliera Norman Vella, Ronald Agius u Raymond Cachia, is-Segretarju Ezekuttiv u l-ex-Kunsillier John Agius. F'din il-laqgħa ġew diskussi żewġ attivitajiet kulturali ta' żmien il-Kavallieri. Waħda hija 'Jum Lapsi' u l-oħra hija 'il-Battalja'. Intbagħtet ittra ukoll lill-Onor. Dr. Chris Said (Rif. K1434/200b-8/10)n u lill-Onor. Dr. Mario De Marco (Rif. K1435/200a-08/10) fejn ġew infurmati b'dawn iż-żewg attivitajiet u bl-iskop tal-Kunsill li jagħmel 'reinactment' tagħhom. Il-Kunsill talab ukoll għajnuna

finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jittellgħu dawn iż-żewg attivitajiet.

10.06 Ġie deċiż unanimament li:-

- Isir transfer ta' €50,000 mill-account tal-BOV għall-HSBC.

- Jinxtara netbook għall-uzu tas-Segretarju Eżekuttiv / amministrazzjoni.

- Il-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010, fit-3.30 p.m. Dan minħabba li f'Diċembru jkun hemm diversi attivitajiet.

10.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva pakkett postali li fih samples ta' lava stone.

10.08 Il-Kunsilliera Irene Borg ippreżentat donazzjoni ta' € 874 mingħand numru ta' żgħażagħ li uzaw il-grawnd Dun Anton Sciberras (Ara Appendiċi 'M').

10.09 Iċ-Chairman għamel dikjarazjoni li l-uniku kuntratt li iffirma mal-Green Mt kien dak li ffirma fil-preżenza tal-Kunsill u qatt ma ffirma xi kuntratt ieħor.

10.10 Il-Kunsilliera Irene Borg ġiet skużata fil-4.40 pm.

10.11 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fl-4.45 pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**